Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

**GUDIKATUR DR.
REFALO JOSEPH S.**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2002

Talba Numru. 50/2001/1

**Is-socjeta' Cranes and Commercial Sales Ltd.**

**vs**

**Rapa Brothers Co. Ltd.**

It-Tribunal ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 t'Ottubru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' elf mitejn u dsatax-il lira Maltija (LM1219.00) rapprezentanti prezz tal-bejgh ta' diversi 'parts' li gew mibjugha u kkonsenjati lill-istess socjeta' konvenuta;

Bl-imghaxijiet mid-data tal-bejgh u konsenja ta' l-istess 'spare parts' sal-hlas effettiv.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta' konvenuta fl-24 t'Ottubru, 2001, fejn intqal illi l-ammont reklamat m'huwiex dovut mill-konvenut ghaliex is-socjeta' konvenuta qatt ma ttrattat mas-socjeta' attrici.

Ra li t-Tribunal ordna l-allegazzjoni tal-process fl-ismijiet ‘Joseph Cassar noe vs Jude Thaddeus sive Teddy Rapa noe’ Avviz Numru 168/96G1.

Ikkunsidra:-

1. Illi din il-kawza qed issir ghall-hlas ta’ ‘parts’ li s-socjeta’ attrici allegatament bieghet lis-socjeta’ konvenuta.
2. Illi mill-affidavit u xhieda ta’ Joseph Cassar direttur tas-socjeta’ attrici, jirrizulta li dan l-ammont reklamat hu dovut mis-socjeta’ konvenuta. Fir-rigward ta’ l-ammont reklamat hemm l-invoices esebiti. Is-socjeta’ attrici kienet tibghat statements ta’ l-ammonti reklamati lis-socjeta’ konvenuta.
3. Jude Thaddeus Rapa xehed li ma jafx bil-parts in kwistjoni, li dwar il-fatti Dok 5 sa Dok 14 ma jaf xejn, pero’ gharaf il-firma ta’ Frank Rapa fuq kull invoice hlief ghall Dok 9, 11, 12, 13, 14.
4. Frank Rapa direttur tas-socjeta’ konvenuta xehed li hu kien jaf bl-ammont reklamat, u kien jirrikonoxxi li s-socjeta’ attrici ghandha tithallas, pero’ ma setghax ihallsu minhabba kwistjoni interna bejnu u bejn huh fil-kumpanija. L-istess Frank Rapa ammetta li kien ordna hu l-parts in kwistjoni.
5. Minn dak li ntqal it-Tribunal hu soddisfatt li s-socjeta’ konvenuta kienet ordnat il-‘parts’ minghand is-socjeta’ attrici, u li dawn fil-fatt gew konsenjati lill-istess socjeta’ konvenuta, li baqghet ma hallsitx. Ghalhekk l-ammont mitlub jirrizulta dovut minn din is-socjeta konvenuta.

Ghaldaqstant it-Tribunal, peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mitejn u dsatax-il lira Maltija (LM1219.00) bl-imghaxijiet legali mit-12 ta’ Gunju 1993 sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta’ konvenuta.

(ft) Joseph Refalo

Gudikatur
(ft) Mary Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur